Verżjoni Elettronika



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,547, 30 ta' Diċembru, 2020*
*Taqsima B*

**A.L. 483 tal-2020**

## ATT DWAR IX-XANDIR (KAP. 350)

## Emenda għall-Ħtiġijiet dwar ir-Reklami, Metodi ta' Reklamar u Direttivi dwar Reklamar dwar Logħob tal-Ażżard fuq is-Servizzi tax-Xandir, 2020

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20(3) tal-Att dwar ix-Xandir, l-Awtorità tax-Xandir għamlet dawn il-ħtiġijiet li ġejjin:

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn il-ħtiġijiet huwa Emenda għall-Ħtiġijiet dwar ir-Reklami, Metodi ta' Reklamar u Direttivi dwar Reklamar dwar Logħob tal-Ażżard fuq is-Servizzi tax-Xandir, 2020 u dawn il-ħtiġijiet għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mall-Ħtiġijiet dwar ir-Reklami, Metodi ta' Reklamar u Direttivi dwar Reklamar dwar Logħob tal-Ażżard fuq is-Servizzi tax-Xandir, hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"ħtiġijiet prinċipali". S.L. 350.25.

Iħassar ir-regolament 2.2 tal-ħtiġijiet prinċipali.

**2.** Ir-Regolament 2.2 tal-ħtiġijiet prinċipali għandu jiġi mħassar.

Jissostitwixxi r-regolament 5.5 tal-ħtiġijiet prinċipali.

**3.** Ir-Regolament 5.5 tal-ħtiġijiet prinċipali għandu jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"5.5 Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, fl-eżerċizzju ta' din id-dispożizzjoni, ir-Regolamenti dwar Kumunikazzjonijiet Kummerċjali fil-Logħob u kwalunkwe regola oħra dwar komunikazzjonijiet kummerċjali, ikun li jkun l-isem, kif maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob għandha tiġi mħarsa.". L.S. 583.09.